MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 6/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Stephen J. Gatt)**
**Vs**
**Caroline Grech**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fit-13 ta' Mejju, 2007 ghall-habta ta' 2.20 a.m., u xhur qabel, fl-inhawi ta' l-Msida w Ta' Xbiex, b'diversi atti maghmulin minnha, wkoll jekk fi zminijiet differenti, li jkunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, w jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku, tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghall-skop ta' prostituzzjoni jew ghall-skopijiet ohra mmorali, w dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Jannar, 2009, li biha,

wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kap. 63 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza kif dedotta w ikkundannatha gimghatejn prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fl-20 ta' Jannar, 2009, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha mill-akkuzi kollha dedotti minnha w fin-nuqqas taghti sentenza aktar gusta w ekwa.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravju tal-appellanti li jikkonsisti li s-sentenza mhix motivata ghaliex fiha biss l-akkuzi, id-dikjarazzjoni ta' htija w il-piena. L-appellanti ma tafx kif il-Qorti wasslet ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Semghet ix-xhieda ta' PC 1592 Danny Busuttil fl-udjenza tal-lum.

Ikkonsidrat

Peress li l-uniku xhud li ressqet il-prosekuzzjoni : PC 1592 Danny Busuttil qal li ma jaf xejn dwar dak li gara fid-data msemmija fic-citazzjoni, w li n-notamenti li kellu kienu jirrigwardaw dati ghal kollox differenti, w peress li ma kien ebda prova ohra li tista' b'xi mod tinkrimina lill-appellanti bl-akkuza dedotta kontra taghha, din il-Qorti ma tistax hlief tillibera lill-akkuzata.

Ghaldaqstant tilqa' l-appell tal-appellanti w tirrevoka s-sentenza appellata w tilliberaha minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------